MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 519/2009

**Attrans Commercials Limited C-12275**

**-vs-**

**G a Services Limited C-19715**

**Il- Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat presentat fit-28 ta’ Mejju 2009 fejn is-socjeta’ rikorrenti qalet hekk -

“1. Illi fid-disgha ta’ Novembru 2005, is-socjeta’ attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta’ intimata *skip loader* bl-isem ta’ Komatsu SK09 ghall-prezz ta’ tlieta u tletin elf tmien mija u tmien Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€33,808.53) ekwivalenti ghal erbatax-il elf hames mija u erbatax-il Lira Maltija (Lm14,514).

2. Illi s-socjeta’ intimata, minkejja illi l-Komatsu SK09 gie debitament ikkonsenjat lilha u dana wkoll skont id-*delivery note* li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata bhala Dokument AC1, naqset milli twettaq il-pagament tal-prezz tal-imsemmi makkinarju.

3. Illi ghaldaqstant is-socjeta’ intimata hija debitrici tas-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ tlieta u tletin elf tmien mija u tmien Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€33,808.53) flimkien mal-imghax legali mid-9 ta’ Novembru 2005.

4. Illi minkejja li l-intimata giet interpellata sabiex thallas diversi drabi (Dokument AC2) baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi l-ammont ta’ tlieta u tletin elf tmien mija u tmien Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€33,808.53) huwa dejn, likwidu u dovut mis-socjeta’ intimata lis-socjeta’ rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta’ rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi s-socjeta’ intimata m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddispensa s-smigh tal-kawza a tenur tal-Artiklu 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

2. Tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlieta u tletin elf tmien mija u tmien Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€33,808.53) *oltre* l-imghax bit-tmienja fil-mija mid-9 ta’ Novembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda indikati mis-socjeta’ rikorrenti (*fol*.2).

Rat l-affidavit mahluf minn Saviour maghruf bhala Salvu Attard fil-kapacita' tieghu ta' direttur manigerjali u rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti (*fol*.6) kif ukoll id-dokumenti l-ohra esebiti mis-socjeta' rikorrenti (*fol*.4 -5).

Rat li s-socjeta' intimata kienet debitament notifikata bir-rikors mahluf u bid-dokumenti annessi fl-10 ta' Gunju 2009 (*tergo* ta' *fol*.8).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-kawza tat-2 ta' Lulju 2009 ghal liema udjenza dehru rappresentanti tas-socjeta' rikorrenti u tas-socjeta' intimata rispettivament assistiti mid-difensuri taghhom.

Rat li, skond l-Art.170(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' intimata ma werietx raguni tajba fil-fatt jew fid-dritt ghala ghandha tithalla tikkontesta l-kawza.

**Billi ghalhekk l-Art.167 *et seq*. tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa mis-smigh, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba' tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u tletin elf tmien mija u tmien Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€33,808.53), bl-ispejjes u bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-9 ta' Novembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------